MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2017

Rikors Maħluf Numru 1103/2016LM

**Raymond Cremona (K.I. 701760M) u Evelyn Cordina (K.I. 452M)**

***vs.***

**L-Avukat Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil maħtura b'digriet tat-30 ta' Diċembru, 2016 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Victor Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-atturi **Raymond Cremona u Evelyn Cordina** (minn issa 'l quddiem "l-atturi") maħluf u ppreżentat mill-attur Raymond Cremona fil-5 ta' Diċembru, 2016, li jgħid kif ġej:

*Il-Fatti:*

1. *Illi nhar l-24 ta' Settembru, 2000 mietet Carmela Cremona (Dok. A*[1]*)u ħalliet lis-sitt uliedha li jisimhom Victor, Vincent, Doris mart Carmelo Ellul, Evelyn mart Silvio Cordina, Alfred u Raymond aħwa Cremona indaqs bejniethom u dan skont l-aħħar testment tagħha flimkien ma' żewġha Vincent, datat 25 ta' Mejju, 1999 in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef (Ara doks. B,C u D*[2]*).*

2. *Illi nhar l-24 ta' Marzu, 2010 miet Vincenzo Cremona (Dok. E*[3]*) u ħalla lis-sitt uliedu li jisimhom Victor, Vincent, Doris mart Carmelo Ellul, Evelyn mart Silvio Cordina, Alfred u Raymond aħwa Cremona ndaqs bejnithom u dan skont l-aħħar testment tiegħu flimkien ma' martu Carmela Cremona, datat 25 ta' Mejju, 1999 in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef (Ara doks. B, F u G*[4]*).*

3. *Illi inforza tat-tielet artikolu tal-imsemmi testment unica charta tagħhom id-defunti istitwew ukoll prelegat in assoluta proprjetà t-terran numru mija u dsatax (119), Azzopardi Street, Marsa kif soġġett għar-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' ħamsin ċenteżmu, bid-drittijiet ġius u l-pertinenzi tiegħu kollha, a favur ir-rikorrenti Evelyn mart Silvio Cordina u Raymond Cremona.*

4. *Illi l-esponenti jixtiequ illi l-intimat fil-kwalità tiegħu bħala eredi tad-defunti Vincenzo u Carmela konjuġi Cremona jersqu fuq att pubbliku sabiex issir l-immissjoni fil-pussess tal-proprjetà hawn fuq imsemmija u dana ai termini tal-aħħar testment tad-defunti konjuġi Cremona surreferit.*

5. *Illi l-intimat jirrisjedi permanentament fl-Awstralja.*

6. *Illi l-eredi l-oħra kollha għajr għall-intimat Victor Cremona diġà ressqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-imsemmi prelegat u dana permezz ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Pamela Mifsud Bonnici datati 26 ta' Awwissu, 2010 u 7 ta' Settembru, 2010 rispettivament. (Ara doks. H u I*[5]*).*

7. *Illi r-rikorrenti Raymond Cremona u Evelyn Cordina jiddikjaraw illi huma jafu b'dawn il-fatti personalment.*

---

[1] *A fol.* 3 tal-proċess, ċertifikat tal-mewt.

[2] Dok. B, *a fol.* 5 sa 7 tal-proċess, testment *unica charta* tal-konjuġi Cremona fejn ħallew lis-sitt uliedhom bħala l-eredi universali tagħhom, però istitwew prelegat favur uliedhom Evelyn mart Silvio Cordina u Raymond Cremona in assoluta proprjetà terran numru 119, Azzopardi Street, Marsa bħala rikonoxximent ta' kemm daru bihom u ħadu ħsiebhom għal madwar 20 sena; Dok. Ċ, *a fol.* 8 tal-proċess, riċerka testmenti fil-Qorti Ċivili (Sez. Ġur. Volontarja) Malta u Għawdex; Dok. D, *a fol.* 9 sa 11 tal-proċess, riċerka testmenti fir-Reġistru Pubbliku, Malta u Għawdex.

[3] *A fol.* 12 tal-proċess, ċertifikat tal-mewt.

[4] Dok. F, *a fol.* 13 u 14 tal-proċess, riċerka testmenti fir-Reġistru Pubbliku, Malta u Għawdex u Dok. G, *a fol.* 15 tal-proċess, riċerka testmenti fil-Qorti Ċivili (Sez. Ġur. Volontarja) Malta u Għawdex.

[5] Dok. H *a fol.* 16 sa 21 tal-proċess u Dok. I, *a fol.* 22 sa 24 tal-proċess.

*Ir-Raġuni tat-talba:*

*8. Illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex jersaq għall-immissjoni fil-pussess tal-imsemmija proprjetà skont il-prelegat imħolli permezz tal-aħħar testment tal-ġenituri tal-kontendenti, iżda baqa' inadempjenti.*

*It-Talbiet:*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti għandhom id-dritt li jkunu immessi fil-pussess tal-prelegat tal-fond numru mija u dsatax (119), Azzopardi Street, l-Marsa.*

*2. Taħtar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att relattiv għall-immissjoni fil-pussess tal-imsemmi prelegat.*

*3. Tiffissa data, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi.*

*4. Tikkundanna lill-intimat sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv quddiem in-Nutar maħtur għal dan l-iskop, fil-jum, ħin u lok iffissati mill-Qorti.*

*5. Taħtar Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw fuq l-att relattiv lill-eventwali kontumaċi.*

*Bl-spejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Diċembru, 2016 fejn innominat lill-Avukat Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bħala Kuraturi Deputati tal-konvenut assenti Victor Cremona.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Kuraturi Deputati l-Avukat Dr Mark A. Mifsud Cutajar u Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil** li f'dawn il-proċeduri ġew maħtura biex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti **Victor Cremona** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar, 2017, li biha ddikjaraw:

> *Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti tal-każ. Għalhekk billi l-esponenti mhux edotti mill-fatti kollha qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti kollha.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet u risposti ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## <u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>

Permezz ta' testment *unica charta* datat 25 ta' Mejju, 1999 in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, id-defunti konjuġi Cremona istitwew favur uliedhom l-atturi aħwa Raymond Cremona u Evelyn mart Silvio Cordina prelegat, konsistenti f'assoluta proprjetà ta' terran, numru 119, Triq

Azzopardi, il-Marsa, kif soġġett għar-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' 50ċ, bid-drittijiet, ġiustijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha, indaqs bejniethom, in rinumerazzjoni ta' kemm dawn iż-żewġ ulied kienu daru u ħadu ħsiebhom tul ħajjithom.

Bl-istess testment *unica charta* datat 25 ta' Mejju, 1999, id-defunti konjuġi Cremona ħallew ukoll lill-atturi bħala werrieta universali tagħhom flimkien ma' ħuthom Victor, Vincent, Doris mart Carmelo Ellul u Alfred, aħwa Cremona. Wara l-mewt tal-konjuġi Cremona, l-koeredi aħwa Cremona ħlief għall-konvenut ressqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-imsemmi prelegat u dana permezz ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Pamela Mifsud Bonnici datati 26 ta' Awwissu, 2010 u 7 ta' Settembru, 2010 rispettivament. Minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex jersaq għall-immissjoni fil-pussess tal-imsemmija proprjetà, baqa' inadempjenti. Peress li l-istess konvenut jirrisjedi permanentement l-Awstralja, ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentawh f'dawn il-proċeduri.

**Provi u riżultanzi**

Jirriżulta mit-testment *unica charta* tal-konjuġi defunti Carmela u Vincenzo Cremona datat 25 ta' Mejju, 1999[6], li kien effettivament l-aħħar testment kemm ta' Carmela Cremona u kemm ta' żewġha Vincenzo Cremona, illi is-sitt

[6] *A fol.* 5 sa 7 tal-proċess.

uliedhom ġew nominati eredi universali tagħhom, b'dan li fit-tielet artikolu tal-imsemmi testment ġie istitwit is-segwenti prelegat:

> "IT-TIELET ARTIKOLU
>
> It-testaturi qegħdin iħallu b'titolu ta' prelegat in assoluta proprietà t-terran numru mija u dsatax (119) Azzopardi Street, il-Marsa, kif soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' ħamsin ċentesimi (50ċ), bid-drittijiet ġius u l-pertinenzi tiegħu kollha li huma kienu xtraw mingħand l-aħwa Gatt b'att tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u tmenin (1987) lil uliedhom Evelyn mart Silvio Cordina u Raymond, aħwa Cremona, indaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom in rimunerazzjoni ta' kemm dawn iż-żewġt uliedhom ilhom iduru u jieħdu ħsieb it-testaturi għal madwar għoxrin (20) sena.
>
> It-testaturi jridu u jordnaw li kemm-il darba uliedhom l-oħra ma jimmettux lill-istess Evelyn Cordina u Raymond Cremona fil-pussess tal-imsemmi terran huma jitilfu kull benefiċċju lilhom imħolli b'dan it-testment u jieħdu biss il-leġittima lilhom spettanti bil-liġi."

Flimkien mar-rikors promotur ġew ippreżentati ċ-ċertifikati tal-mewt tad-defunti Carmela u Vincenzo Cremona u r-riċerka testmenti fir-Reġistru Pubbliku u fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) kemm wara l-mewt tal-omm u kemm wara l-mewt tal-missier tal-partijiet. Ġew ippreżentati wkoll l-affidavits tal-atturi Raymond Cremona[7] u ta' Evelyn Cordina[8] fejn spjegaw li ħuthom kollha kienu ressqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratti relattivi sabiex l-atturi jiġu immessi fil-pussess tal-prelegat, ħlief għall-konvenut li rrifjuta li jagħmel dan.

---

[7] *A fol.* 73 tal-proċess.
[8] *A fol.* 74 tal-proċess.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Tqis illi prinċipju stabbilit f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja hu dak li joriġina mid-dritt Ruman "*non aliter sinificatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem*", li jfisser li meta d-dispożizzjoni testamentarja tkun ċara, għandha tiġi eżegwita bħala r-rieda tat-testatur.[9] Ma hemmx dubju li l-imsemmi testment tal-konjuġi Cremona, inkluż l-artikolu 3 tiegħu, huma ċarissimi. Filwaqt li testatur ma jistax jinnomina persuna bħala eredi u legatarju fir-rigward tal-istess oġġett, jekk l-eredi jkunu aktar minn wieħed, jista' jiġi ordnat il-prelevament ta' xi ħaġa mill-wirt a favur ta' xi wieħed jew xi wħud mill-koeredi. Dan huwa appuntu il-prelegat[10]:

> "Meta jkun hemm aktar minn eredi wieħed id-*decuius* jista' jħalli lil wieħed oġġett speċjali bi preferenza fuq l-oħrajn, u dan jissejjaħ prelegat b'mod illi l-eredi preferit b'dan it-titolu bħala legatarju jakkwista dak biss li l-ko-eredi għandhom jagħtuh u bħala eredi jakkwista dak li kien dovut lilu stess.[11]"

[9] Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell: **Carmelo Said *et vs.* Nutar Giuseppe Cauchi**, 20.10.1958; **Farmaċista George Mallia *vs.* Carmela Mallia**, 18.03.1957; **Marianna Micallef *vs.* Giuseppe Zammit**, 12.11.1951; **Nutar Albert Micallef *vs.* Marietta Tonna**, 30.10.1950; **Axiak *utrinque***, 26.02.1945; **Ludgarda Attard *vs.* Giuseppa Borg**, 21.03.1941; **Grima *vs.* Camilleri**, 28.03.1884; **Connie mart Anthony Galea *et vs.* Joseph Gauci**, 31.05.2002; **Emmanuel Buttigieg *noe vs.* Anthony Cauchi *pro et noe***, 28.11.2003; Prim'Awla: **Mifsud *vs.* Pullicino**, 25.02.1888; **Mary Muscat *vs.* Dr. Renzo Porsella Flores *noe***, 24.02.2011; **Mary Rose Mifsud *vs.* Dr. Joseph Bartolo**, 27.02.2001; **Andrew Buhagiar *noe vs.* Carmela Mifsud *et***, 31.05.2011.
[10] Vitali**,** Vol. II, paġ. 412, nru. 1413, Ediz. 1893.
[11] **L-Onor. Mħallef Dottor Alberto J. Magri *et vs.* Mariella Borg Magri,** P.A., 30.06.2005 u **Rinaldo Wismayer *vs.* Mario Wismayer**, P.A., 14.03.1946, Kollez. Vol. XXXIIC, Pt. ii, Pġ. 264.

Fil-kawża fl-ismijiet **George Cutajar *et vs.* Concetta mart Joseph Abela**[12], f'każ li jixbah lil dan, ġie ritenut illi:

> "U din il-Qorti tgħid li hekk kellu jsir mill-atturi meta rinfaċċjati bin-negattività tal-konvenuta.
>
> L-Art. 726 tal-Kap. 16 jesiġi espressament li l-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-legat. U hekk hu propju għaliex il-legatarju ma jistax bl-awtorità tiegħu nnifsu jimpossessa ruħu minn dak li jkun tħalla lilu b'legat: *Il-prinċipju li l-legatarju għandu jitlob il-pussess tal-legat mingħand l-eredi jirriferixxi għar-rapporti bejn l-eredi u l-legatarju biex dan ma jimpossessax ruħu mil-legat mingħajr il-kunsens tal-eredi* (**Giuseppe Carabott *et vs.* Vincenzo Carabott *et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju 1948 – Volum XXXIII.i.303).
>
> Meta hemm ko-eredi, l-immissjoni fil-pussess tal-legat trid issir minn kull wieħed mill-eredi, u dan fir-rigward tal-porzjonijiet li l-legatarju jkollu jirċievi mingħand il-ko-eredi (**Ronaldo Wismayer *vs.* Mario Wismayer** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu 1946 – Vol. XXXII.ii.264).
>
> Qabel issir l-immissjoni fil-pussess, il-legatarju m'għandux id-disponibilità sħiħa tal-oġġett imħolli lilu b'legat (**Maurice Busuttil *vs.* Joseph Meli** deċiża mill-Qort tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998)."

Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Adrian Abela *vs.* George Abela *et*** [13] ġie enunzjat illi:

> "Ikkunsidrat illi l-Art. 726 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:
>
> "726. (1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat."
>
> L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-materja ta' immissjoni fil-pussess ġie sintetizzat fil-kawża **Vella *et vs.* Vella** (deċiża mill-Prim'Awla fis-6 ta' Ottubru 2011 mill-Imħallef M. Chetcuti):

[12] P.A., 14.07.2011.
[13] P.A., 24.10.2013.

> "Il-proprjetà libera tal-legat tappartjeni lill-legatarju sa mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bħala "kreditur" tal-wirt. Bħala "kreditur", l-oġġett ma jkunx f'idejh qabel ma jingħata pussess tal-oġġett tal-kreditu. L-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "ċ-ċavetta" tal-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tingħata jew espressament jew taċitament, u jingħad li hemm immissjoni fil-pussess taċita, meta l-legatarju jieħu pussess materjali tal-oġġett u l-eredi ma jagħmilx oppożizzjoni.
>
> Inoltre skont il-Laurent (*Diritto Civile* Vol XIV para. 21 *et seq*):
>
> Sakemm ma jottjeniex mingħand l-eredi (jew l-eżekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oġġett legat, il-legatarju ma jistgħax jieħu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, iżda d-dritt tiegħu ta' proprjetà jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jeżerċitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjetà, iżda jibqa' dritt inċert u suġġett għall-kontestazzjoni sakemm ma jiġix immiss fil-pussess."

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, fin-nuqqas tal-konvenut li jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv sabiex l-atturi jiġu immessi fil-pussess tal-prelegat, minkejja li kien interpellat biex jagħmel dan, l-atturi kienu kostretti li jipproċedu ġudizzjarjament kontra l-konvenut sabiex dan jiġi ordnat mill-Qorti sabiex jersaq għall-imsemmi kuntratt.

Tqis illi fil-kors ta' din il-proċeduri ma ġiet issollevata ebda raġuni valida sabiex it-talbiet attriċi ma jkunux milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**(1) Tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi;**

**(2) Taħtar lin-Nutar Dottor Pamela Mifsud Bonnici sabiex fi żmien għaxar (10) ġimgħat mil-lum tirrediġi kuntratt pubbliku fejn l-atturi Raymond Cremona u Evelyn Cordina jiġu immessi fil-pussess tal-fond numru mija u dsatax (119), Triq Azzopardi, Marsa, bl-obbligu li tavża lill-partijiet kollha f'din il-kawża bil-lok, data u ħin tal-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt;**

**(3) Tordna lill-konvenut Victor Cremona sabiex jidher fuq l-imsemmi kuntratt fil-lok, data u ħin avżati lilu min-Nutar Dottor Pamela Mifsud Bonnici;**

**(4) Tinnomina lill-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmi kuntratt;**

**(5) Tikkundanna lill-konvenut Victor Cremona sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, b'dan iżda l-ispejjeż tal-kuraturi deputati għandhom jitħallsu provviżorjament mill-atturi.**

Moqrija.